Avviz Numru CCT 323/12/GB

Maria Scerri

vs

Mirage Holdings Ltd.

Illum 11 ta' Settembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija disgha u disghin Ewro (€399.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal freezer li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema freezer kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba; u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'April 2011 hija kienet xtrat freezer minghand il-Kantuniera Zabbar, li l-agent tieghu hija s-socjeta' ntimata. Hmistax-il gurnata wara, r-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata sabiex tilmenta li l-freezer kienet qed taghmel is-silg. Is-socjeta' ntimata kienet baghtet tekniku, fejn huwa ccekjaha u hadilha r-ritratti, u haditha l-ewwel darba ghat-tiswija, fejn giet lura wara ftit tal-granet u baqghet l-istess. Is-socjeta' ntimata regghat haditha biex jaraha tekniku iehor u baqghet l-istess. Haditha t-tielet darba ghaliex is-socjeta' ntimata

informat lir-rikorrenti illi kienet ghamlet kuntatt mal-Germanja u li kienu ser isewwuha, pero' reghat giet lura l-istess.

Ir-rikorrenti thoss illi tliet darbiet kienu bizzejjed biex tissewwa l-freezer, u ghalhekk qieghda titlob jew li tinbidel u tinghata freezer gdida, jew li tinghata lura l-flus.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Il-fridge tal-marka 'Mercury' giet mixtrija fit-28 ta' April 2011. L-ewwel darba li s-socjeta' ntimata giet mitluba tassisti r-rikorrenti kien fit-13 ta' Lulju 2011. Meta marret ghand ir-rikorrenti, it-tekniku kien qalilha biex taghmilha 'defrost' u kien issettja t-temperatura. Kien ftiehem mar-rikorrenti biex tara kif tmur, tippruvaha u li jekk terga' tara xi haga, tkun komda u terga ccempel. Fl-4 ta' Awissu 2011, is-socjeta' ntimata regghat giet mitluba biex tmur ghand ir-rikorrenti, fejn marret u ccekjat il-bieba. Sabet li l-bieba kienet qed tinghalaq tajjeb, kif ukoll il-lastiku ta' madwar il-bieba kien ghadu tajjeb. F'Settembru 2011, is-socjeta' ntimata giet mitluba terga' tmur, fejn it-tekniku talab li l-fridge tingabar il-workshop. Is-socjeta' ntimata kienet halliet il-fridge tahdem ghal tnejn u sebghin siegha, fejn hadmet tajjeb, pero' it-tekniku ddecieda li jbiddel il-mutur ghar-raguni li fir-residenza tar-rikorrenti kien hemm temperatura gholja hafna u s-suspett kien li forsi il-mutur kien qed ibaghti kawza ta' l-istess shana li hemm fil-post fejn kienet impoggija. Qabel ma baghtet il-fridge lura, ir-rikorrenti kienet marret ticcekja l-fridge fejn hadmet perfetta.

Dawn it-tliet visti saru bejn it-13 ta' Lulju 2011 sas-6 ta' Ottubru 2011. Fis-sena 2012, is-socjeta' ntimata qatt ma semghat rapport minghand ir-rikorrenti. Wiehed jinnota li l-hsara giet irrapportata fiz-zmien tas-sajf. Parir li wiehed jista' jaghti huwa li l-fridge jinbidel il-post taghha, dan ghaliex qieghda faccata ta' tieqa li minnha jghaddi hafna dawl u fis-sajf, bix-xemx, is-shana tirdoppja.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokument, li gie mmarkat bhala Fdok.MS1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.ML1 u Dok.ML2

It-Tribunal appunta lil Charles Yousif, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilment tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni tal-Espert Tekniku Charles Yousif, fejn fil-konkluzjonijiet tieghu huwa rrileva illi l-freezer qiegda tbaghti minn iktar minn difett wiehed: *"Loss of coldness from the bottom part of the freezer's door...", "Strong indications of abnormal freezer operation...", "Prolonged operational time..."*. Apparti minn hekk, fl-opinjoni ta' l-istess Espert Tekniku, il-freezer tinsab f'pozizzjoni tajba u li t-tieqa li tinsab quddiema ma taffettwa l-operazzjoni taghha bl-ebda mod. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-freezer in kwistjoni u thallas l-ammont ta' tliet mija disgha u disghin Ewro (€399.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**